MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 799/2007

**Mobisle Communications Limited (C - 24655)**

**vs**

**Pier Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' disa' mija u erbgha u erbghin Euro u sitt centezmi (€944.06) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond *Client Contract Number* 380168 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u is-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2008 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta, ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat kapitolu fit-2 ta' Gunju, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut, u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------